Novembru 2017
Nru. 224

# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

# Iċċelebrata l-Festa ta' San Franġisk



L-Erbgħa 4 ta' Ottubru, ġewwa l-Knisja ta' Santa Maria ta' Ġesù l-Belt Valletta, kienet iċċelebrata l-festa ta' Missierna San Franġisk. Il-Quddiesa tmexxiet mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech, OFM fil-preżenza ta' bosta Patrijiet, Sorijiet, Membri tal-Ordni Franġiskan Sekular (OFS), Kavallieri tal-Qabar ta' Kristu, benefatturi, kif ukoll nies li jiffrekwentaw il-Knejjes tagħna.

Waqt l-Omelija tiegħu l-Ministru Provinċjal tkellem fuq kemm Ġesù Kristu/ San Franġisk kien pastaż, imma mhux fis-sens li nużawha aħna, imma fil-veru sens tal-kelma. Illum pastaż nifhmu xi ħadd maledukat. Huwa spjega xi tfisser tkun pastaż fil-veru sens tal-kelma: il-psataż kien ikun bniedem li jkun ix-xatt, jistenna li jaqsam d-dagħjes għan-naħa l-oħra jew jaslu d-dagħjes minn barra biex ikun jista' jġorr t-toqol ta' ħaddieħor. Għalhekk il-Malti jgħid min iġorr qofftu mhux pastaż. Allura jekk inti ġġorr it-toqol tiegħek, inti m'intix pastaż imma min iġorr it-toqol ta' ħaddieħor kienu jgħidulu psatas. Huwa ta' eżempju fuq it-'travu pastaż' li dan xogħlu jerfa' l-piz li jġorru t-travi.



Il-Provinċjal kompla b'dak li jgħid San Pawl li Alla ppermetta li Ġesù

*ikompli f'paġna 3*

## Love This Is My Song!

Għal ħafna nies l-ismijiet Petula Clarke u Charles Chaplin forsi ma tantx ifissru. Għalina li għandna ċerta età dawn iż-żewġ ismijiet jafu jqanqlu fina ħafna memorji ta' tfulitna u ta' żogħżitna. Imma nistħajjel min jgħidli "X'għandhom x'jaqsmu dawn it-tnejn? Wieħed kummidjant tas-*silent movies* u l-oħra kantanta?" Għandhom u għandhom ħafna, għax ftit jafu forsi li Charles Chaplin ma kienx biss kummidjant imma wkoll awtur u kompożitur ta' kanzunetti sbieħ. Waħda minnhom propju *Love This Is My Song* li ħarġet għall-ewwel darba Petula Clarke eżattament fis-sena 1967, jiġifieri ħamsin sena ilu!

Din hija waħda mill-ħafna favoriti tiegħi għax tfakkarni ħafna f'Ġesù, fl-imħabba tiegħu għalina l-bnedmin u fil-bidla li din l-imħabba tista' ġġib fil-ħajja tagħna jekk aħna nħalluha, jekk aħna rriduha. Din il-kanzunetta miktuba minn dan il-kummidjant romantiku, traġiku u komiku fl-istess ħin, għandha dawn il-kelmiet hekk sbieħ fil-bidu tal-kanzunetta, "*Why is my heart so light? Why are the stars so bright? Why is the sky so blue, since the hour I met you?*" Il-mument li aħna niltaqgħu tassew ma' Ġesù u nagħmlu esperjenza, induqu

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

l-imħabba tiegħu għalina, kollox jibda jidher aktar u aktar sabiħ. Niltaqgħu miegħu fil-mumenti tat-talb tagħna. Niltaqgħu miegħu fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Imma b'mod aktar qawwi, niltaqgħu miegħu, anzi nirċevuh u nsiru ħaġa waħda miegħu fl-Ewkaristija. Kif jista' jkun nagħmlu esperjenza bħal din u nibqgħu l-istess.

Ir-ritornell ta' din il-kanzunetta jkompli, *"Love, this is my song. Here is a song. A serenade to you. The world cannot be wrong, if in this world there is you!"* Kif jista' jkun li ħajjitna, id-dinja ċkejkna personali tagħna, tkun ħażina jekk ikun hemm Hu fiha? U r-ritornell ikompli,*"I care not what the world may say. Without your love there is no day."* Illum saret qisu xi ħaġa tal-mistħija li tkun Nisrani, li tistqarr lil Kristu l-Mulej. Ta' dixxipli veri tiegħu m'għandniex niddejqu jew nibżgħu x'taħseb u x'tgħid id-dinja dwarna għax nafu li mingħajr xemx u dawl id-dinja, ma jeżisitx il-jum. Mingħajru ngħixu fid-dlam tal-injoranza, tal-mibegħda, tal-egoiżmu, tal-firda, ta' dak kollu li mingħajru huwa vojt.

Forsi wasal iż-żmien li nerġgħu nibdew nagħmlu din l-esperjenza ta' Ġesù fil-ħajja tagħna ta' kuljum u naraw kif ħajjitna u l-ħajja ta' dawk ta' madwarna tinbidel litteralment mil-lejl għan-nhar. Il-Mulej jagħtik is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

# Definitorju Provinċjali - 2 ta' Ottubru

Id-Definitorju Provinċjali ltaqa' nhar it Tnejn 2 ta' Ottubru, 2017 ġewwa *Porziuncola Franciscan Centre*, Baħar iċ-Ċagħaq. Il-laqgħa bdiet fid-9.00am b'talba u kulħadd kien preżenti.

Wara l-qari tal-minuti tfasslu d-dati ta' xi attivitajiet li għandhom isiru fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin, fosthom il-jiem ta' Formazzjoni Permanenti, id-data tal-Quddiesa ta' Novembru ġewwa l-Kappella taċ-Ċimiterju, l-irtir tal-Avvent għall-Aħwa kollha u Festa Familja li nagħmlu s-soltu għall-familjari tagħna. Dawn id-dati għandhom jiġu kkomunikati lill-Gwardjani u lis-Superjuri Lokali mis-Segretarju Provinċjali, u dawn jgħadduhom lill-Aħwa kollha.

Wara l-Ministru Provinċjal ta' rendikont lil dawk preżenti ta' fejn wasalna bil-proġetti li għandna imfasslin quddiemna. Dwar il-permessi tal-Planning Authority, dak ta' Baħar iċ-Ċagħaq mistenni joħroġ nhar it-3 ta' Novembru, 2017 meta għandu jiltaqa' l-Board tal-P.A. bir-rakkomandazzjoni tal-*Case Officer* li jiġi approvat il-proġett. Dak ta' Għawdex, għalkemm għandna il-green light mid-dipartimenti kollha kkonċernati kif għarrafna il-Perit Edward Scerri, għadna ma nafux meta ser jiltaqa' l-Board biex jiddiskuti dan il-permess.

Rigward il-Knisja tagħna tar-Rabat, wara li saru xi testijiet minn Terracore dwar is-saħħa tal-istruttura tal-Knisja, instab li din ma tiflaħx il-bini ta' koppla u għalhekk ġie deċiż li s-saqaf jingħalaq u ssir pittura flok dik li kien hemm. Dwar il-Bibljoteka Provinċjali, kollox jinsab *on hold* minħabba s-sitwazzjoni ta' saħħet omm ħuna P. Noel Muscat OFM.

L-aħwa anzjani ġew trasferiti minn Domus Pacis għas-sular ta' fuq ta' *Porziuncola Franciscan Centre*, fejn qed jokkupaw naħa minnhom. Dan sabiex ikollhom aktar dawl u aktar arja kif ukoll aktar kumdità peress li nħass li fejn kienu kien magħluq wisq. Dwar il-*Carbon Footprint Project* il-Ministru Provinċjal informa lil dawk preżenti li diġà beda jitwettaq fil-kunventi tagħna tal-Ħamrun u tar-Rabat, fejn inbidlu xi *appliances* ma' oħrajn li huma aktar *eco friendly*. Fil-ġimgħat li ġejjin, inkomplu b'kunventi u inizzjattivi oħrajn.

Il-laqgħa ntemmet bl-ikla ta' nofs inhar ġewwa *Da Francesco Restaurant* Baħar iċ-Ċagħaq. Laqgħa oħra tad-Definitorju Provinċjali għandha ssir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru, 2017 ġewwa Porziuncola Franciscan Centre, fid-9.00am.

**Novembru**
## Appuntamenti

**12** ta' Novembru, Irtir Inter-Franġiskan organizzat miċ-Ċentru Franġiskan. Il-Predikatur huwa Dun Mark Sultana.

**17** ta' Novembru, Definitorju Provinċjali: *Porziuncola Franciscan Centre*, fid-9am

**18** ta' Novembru, Quddiesa għall-Aħwa li għaddew għall-ħajja ta' dejjem, fil-Kappella tagħna ġewwa ċ-Ċimiterju tal-Addolorata, fl-10am

**18** ta' Novembru, Jum is-Sejħa Franġiskana - Sliema

**Birthdays - Novembru**

01. P. Stephen Sciberras
09. P. Martin Coleiro
14. P. Julian Sammut
17. P. Christopher Farrugia
18. P. Victor Camilleri

**Festi - Novembru**

04. P. Charles Grech
11. P. Martin Coleiro
15. P. Albert Micallef

minn paġna 1

# ...jien nisrani pastaż?

Kristu biddlu fi dnub u sallbu ma' salib. Għalhekk Ġesù Kristu kien l-ikbar pastaż għax refa' d-dnub tiegħek, id-dnub tiegħi, id-dnub tagħna, id-dnub tal-bnedmin kollha ta' kull żmien sal-aħħar taż-żmien.

San Franġisk ukoll għax ħareġ jixbaħ lil Ġesù, sar pastaż bħal Ġesù, refa' t-toqol ta' bnedmin oħra bħalu. Ħalla lil Ġesù jagħmel minnu strument ta' salvazzjoni. San Franġisk fil-veru sens tal-kelma u anke aħna allura, imsejħin mhux biss biex ngħixu ħajja sagramentali, imma aħna imsejħin biex inkunu sagrament/sinjal għall-oħrajn. Kulħadd skont is-sejħa li Alla qed jagħmillu. U dan jekk aħna naraw li sagrament huwa sinjal viżibbli, li jfisser u li jagħti l-grazzja.

Mela San Franġisk għaraf jgħix il-magħmudija tiegħu b'mod perfett illi sar sagrament għall-oħrajn billi kien sinjal viżibbli tal-preżenza t'Alla fost il-bnedmin, u wassal il-prezenza t'Alla lill-bnedmin li kien jgħix fosthom.

Għalhekk San Franġsik sar sagrament għax bħal ma jgħid il-qari tal-ġurnata, trid tkun ta' qalb ħelwa u umli. Żewġ kelmiet li jinġabru f'kelma waħda: Manswet. Mhux biss quddiem id-dinja imma qabel kollox f'għajnejn Alla.

Semma l-eżempju tal-fuħħari li meta forma ma togħġbux jerġa' jibda mill-bidu sakemm tiġi kif togħġob lilu, u Alla jdur fuq Ġeremija u jgħidu: "Jaqaw jien ma nistax nagħmel li rrid bik". Ara San Franġisk ħalla lil Alla jagħmel li jrid bih għax kien bħal Ġesù ta' qalb ħelwa u umli, kien fqir u umli.

U fqir u umli għaliex id-dinja mhux biss illum imma anke fi żmien San Franġisk, tgħidlek biex tkun kuntent mhux b'li għandek imma aħtaf/akkumula kemm tista' . U umli: ara għamel minn kollox biex tgħaddi tiegħek, u dawn it-tnejn huma parti mill-beatitudnijiet li Ġesù għamel fid-diskors tal-muntanja. Ma nistgħux inkunu sinjal għall-oħrajn jekk ma nħalluhx jagħmel bina li jrid.

U għalhekk irridu nirringrazjaw lil Alla ta' dan id-don li ta lill-Knisja u li ta lid-dinja ta' din il-figura tal-fqajjar ta' Assisi.

Imma San Franġsik jgħidilna toqogħdux tiftaħru bil-ħwejjeġ kbar li għamlu l-qaddisin l-oħra biex intom tieħdu l-merti tagħhom. San Franġsik jagħmel l-istess għalih innifsu: toqogħdux tiftaħru x'għamel Alla bija, biex intom tieħdu l-mertu. Imma san Franġsik qal li bħal mal-Mulej lili urieni x'għandi nagħmel, ħallu lill-Mulej juri lilkom ukoll x'għandkom tagħmlu. Biex inkun nisrani tajjeb għandi nkun nisrani pastaż. Dan jgħidulna Ġesù u San Franġsik semgħu u ħadu bis-serjetà. Ġesù qal: "ma tistax tkun dixxiplu tiegħi jekk ma terfax is-salib tiegħek" ... u forsi anke ta' ħaddieħor li jinsab dagħjef spiritwalment, psikoloġikament, umanament u inti bħaċ-Ċirinew, tkun int Ċirinew għal ħaddieħor, terfa' t-toqol tiegħek u ta' ħaddieħor.

Allura jiena bħala nisrani, Franġiskan, jien qed inkun sagrament għal ħuti li ngħix magħhom, qed ngħinhom jitqaddsu u huma qed jgħinuni nitqaddes, għalhekk San Franġsik kiteb: "tani aħwa" u l-Mulej poġġiena flimkien biex inqaddsu lil xulxin u b'hekk inqaddsu lil dawk li niltaqgħu magħhom, mhux tant bil-kelma li nippridkaw jew bis-servizz li nagħtu imma bl-eżempju li huma jaraw fina bħala fraternità.

Wara l-quddiesa kulħadd kien mistieden għal riċeviment fil-Kunvent.











### Oħtna l-mewt iżżurna



Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru għaddiet għall-ħajja ta' dejjem s-Sinjura Carmen Muscat (omm P. Noel Muscat, OFM), fl-età ta' 83 sena.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa b'suffraġju għal ruħha, saret nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru fil-Knisja ta' San Franġsik, il-Ħamrun.

### Quddiesa għaż-żgħażagħ

Nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru ġewwa l-Knisja ta' San Franġisk, il-Ħamrun ġiet ċċelebrata quddiesa għaż-żgħażagħ. Din il-quddiesa kienet bi stil żagħżugħ u kienet ikkaratterizzata billi ż-żgħażagħ stess kienu l-protagonisti fiha. Il-band ħadet ħsieb il-kant żagħżugħ, żgħażagħ oħrajn ħadu ħsieb li jwasslu l-ħsieb tal-vanġelu għaż-żmien tal-lum, kif ukoll grupp ieħor ta' żgħażagħ ħadu ħsieb żifna liturġika li kompliet tagħti tomgħa żagħżugħa.



Din it-tip ta' quddiesa għalissa se tkun darba fix-xahar minħabba l-preparażżjoni tagħha imma hemm ix-xewqa li ssir iżjed spiss. Il-Quddiesa li jmiss se tkun nhar is-Sibt 18 ta' Novembru fit-8pm.

### P. Alex ġewwa Ruma



Nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru P. Alex Borġ, OFM telaq għal Ruma biex jagħti s-servizz tiegħu tal-qrar fil-Bażilika tal-Lateran.

Bħalissa qed joqgħod fl-Antonianum sakemm f'Diċembru huwa jagħmel l-eżami bħala penitenżier, kif ukoll sakemm patri li bħalissa hemm mal-fraternità tal-Lateran jirritorna fil-Provinċja.

Nawgurawlu u nitolbu għalih.

## ...miċ-Ċirkulari ta' San Franġisk

...Quddiemna għandna l-figura kariżmatika ta' dan il-Qaddis li saħħret warajha eluf kbar ta' nies tul dawn l-aħħar tmin mitt sena u fuqhom. Din il-kariżma, tibqa' dejjem rilevanti għad-dinja li ninsabu ngħixu fiha, li għalkemm fid-dieher tidher ħafna differenti mid-dinja li kien igħix fiha Franġisku, fl-istess ħin wieħed jista' jgħid li tixbaħha ħafna wkoll. Rilevanti u bżonnjuża. Id-dinja tal-lum għandha bżonn ta' persuni, irġiel u nisa, imlaqqmin mill-Kelma tal-Evanġelju, imlaqqmin mill-kariżma Franġiskan, iddedikati bi ħġarhom biex bil-ħajja tagħhom, bl-eżempju aktar milli bil-kelma, ilaqqmu id-dinja, is-soċjeta', in-nies ta' madwarhom.



Kultant ilkoll kemm aħna nintilfu fuq irqaqat u ħwejjeġ oħra frivoli li mhux talli ma jwassluna mkien, talli jieħdu ħafna mill-ħin, mill-enerġija, mir-riżorsi li għandna għad-dispożizzjoni tagħna. Huwa għalhekk tal-akbar importanza li aħna f'din il-Festa għal darb'oħra niffukaw mill-ġdid fuq is-sejħa tagħna u fuq dik it-tweġiba li darba, forsi tant snin ilu, tajna b'deċiżjoni, b'konvinzjoni, b'ġenerożità kbira, b'att ta' Fidi, ta' Tama u ta' Mħabba. Intlaqna f'idejn Alla u f'idejn il-Fraternità li tagħha bdejna niffurmaw parti. Jiġri li kultant maż-żmien bħal nitilfu s-sens ta' identità u appartenenza tagħna u mingħajr ma nintebħu nibdew nitbiegħdu mill-ideal Franġiskan. Il-melħ jaqta'! Id-dawl jintefa! U flok indakkru, inlaqqmu s-soċjeta' ta' madwarna, niddakkru, nitlaqqmu aħna minnha! Il-Fraternitajiet tagħna huma magħmula minn bnedmin li mhumiex perfetti. Ilkoll midinbin, imma lkoll imsejħin sabiex inwieġbu llum u kuljum għas-Sejħa ta' Mħabba speċjali li jagħmlilna l-ħin kollu l-Mulej u l-Imgħallem tagħna Ġesù. Veru li hemm mill-fraġilità tat-tafal li naraw fuq barra. Imma veru wkoll li ġewwa fina hemm Spirtu qawwi. Ma jimpurtax jekk il-ġisem ikun dgħajjef, għajjien. L-aqwa li l-ispirtu jkun irid! Jien konvint li fina lkoll hemm dan l-ispirtu ġenwin li tassew irid iwieġeb għas-Sejħa, għar-Rieda ta' Alla. Imma mhux kulħadd għal rasu, waħdu, iżda flimkien. Inwieżnu lil xulxin, inqawwu qalb xulxin, ngħinu lil xulxin.

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21234316 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*